MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Luqa Road, Qormi QRM 9075, Malta

# Linji Gwida dwar id-Dikjarazzjoni tar-raba' fis-Sistema ta' Identifikazzjoni ta' Ħbula Agrikoli (LPIS)

## Kif għandhom jiġu iddikjarati l-għelieqi fis-sistema ta' Identifikazzjoni ta' Ħbula Agrikoli (LPIS)?

1. L'hekk imsejjħa "reġistrazzjoni" tar-raba' fis-sistema ta' Identifikazzjoni ta' Ħbula Agrikoli (LPIS) issir permezz ta' dikjarzzajoni min bdiewa li qed jaħdmu l-art u li jridu jibbenifikaw min għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropeja.

2. Mis-sena 2014 il-quddiem, l-istess dikjarazzjoni tar-raba' ser isservi ukoll għad-Direttorat tal-Agrikoltura sabiex ikun jista jikkontrolla l-użu tan-nitrati fuq uċuħ agrikoli, kif inhu mitlub mir-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja. L-għelieqi tal-bdiewa li diġa' applikaw għas-sussidju ser jitniżżlu awtomatikament f'dan ir-reġistru iżda dawn huma mitluba li jiddikjaraw ukoll dawk l-għelieqi li fuqhom ma jkunux applikaw għas-sussidji. Il-bdiewa li ma humiex benefiċċjarji huma obbligati li jiddikjaraw f'din is-sistema l-għelieqi li qed jaħdmu.

3. Din id-dikkjarazzjoni tar-raba' hija valida għall-tlett snin biss, sakemm ma jsirx tiġdid jew talba għas-sussidju. Dan ifisser li-wara it-tielet sena l-għelieqi ma jibqgħux marbuta mal-bidwi li jkun iddikjarhom fl-ewwel sena. F'kas li l-bdiewa għandhom għelieqi irreġistrati fis-sistema LPIS pero' ma japplikawx għas-sussidju, huma ukoll obbligati li jikkonfermaw id-dikjarazzjoni tagħhom kull tlett snin fl-uffiċċju tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali ġewwa Ta' Qali jew Xewkija Għawdex. Tajjeb li wieħed jiftakar li l-bidwi rreġistrat fis-sistema LPIS jinżamm responsabbli għal ksur tal-liġijiet applikabli anke jekk l-għalqa tiġi trasferita lil terzi mingħajr ma jsir it-tibdil fis-sistema.

4. Din id-dikkjarazzjoni tar-raba' ma tagħti l-ebda titolu legali fuq propjeta', dritt ta' passaġġ jew drittijiet oħra. L- Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali li tamministra s-sistema tal-LPIS ma tiddeterminax l-għotja tas-sussidju tagħha abbażi ta' sid

il-propjeta, dritt ta' qbiela jew kirja u ma toħloqx jew tiċċertifika kwalsiasi titolu simili bis-sempliċi inklużjoni ta' l-għalqa fis-sistema tal-LPIS.

5. Il-qsami tar-raba' iddikjarati fis-sistema ta' Identifikazzjoni ta' Ħbula Agrikoli (LPIS) għandhom ikunu stabbli u li jidhru b'mod ċar fil-post u min fuq ir-ritratti meħuda bl-ajruplan jew mis-satellita. Dan ir-rekkwiżit huwa importanti sabiex l-erja illi il-bidwi qed jaħdem u li jista' jitlob għajnuna finanzjarja fuqhom taħt diversi skemi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ikunu jistgħu jitkejjlu b'ċertezza u mingħajr l-ebda dubbju.

## Gwida ta' kif għandha issir id-diviżjoni tar-raba' iddikjarati fis-sistema ta' Identifikazzjoni ta' Ħbula Agrikoli (LPIS)

1 Id-diviżjoni ta' l-art fis-sistema LPIS tista issir biss f'każijiet fejn fil-post hemm xi forma ta' qsami li jindikaw b' mod ċar il-konfini ta' l-għalqa bħal ħitan tas-sejjiegħ, siġar jew passaġġi.

2 Fejn ma hemmx xi forma ta' qsami wieħed jista' jistabillixxi l-qsami permezz ta' knatan tad-disgħa miżbugħin bojod, sabiex ikun hemm kuntrast mal-madwar meta jittieħed ir-ritratt mill-ajru. Dawn il-knatan għandhom jitqiegħdu weqfin sabiex ma jitgħattewx bil-prodott li qed jitkabbar fl'għalqa. Għandu ikun hemm biżżejjed knatan sabiex il-konfini ikunu jagħmlu sens meta tħares lejhom kemm minn fuq il-post u anke min fuq ir-ritratt mill-ajru. Irid ikun hemm ta' l-inqas tlett iknatan sabiex jiddefinixxu qasma dritta, bil-knatan iwasslu sat-tarf. F'kull tibdil ta' direzzjoni f'każ ta' qsami li ma humiex dritti, jeħtieġ li jkun hemm knatan f'kull tibdil ta' direzzjoni.

3 L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, qeda tissuġġerixxi li dawn il-knatan jitqegħdu b'distanza ta' mhux inqas minn ħames metri u mhux aktar minn ħmistax il-metru imbegħdin minn xulxin.






4 Jekk il-qasma ta' bejn għalqa u oħra ma tkunx tidher ċara, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, ma tkunx tista' toħroġ pagament minn fondi tal-Unjoni Ewropeja mis-sena 2016 'il quddiem.

# Eżempju 1: kif għandhom jitqegħdu il-qsami.

**<u>Qsami dritti:</u>**




**<u>Qsami li ma humiex dritti:</u>**







MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Luqa Road, Qormi QRM 9075, Malta

# Eżempju 2



Dehra mir-ritratt tas-satellita qabel ma ġew stabbiliti l'qsami.



Kif jidhru fuq il post wara li ġew stabbiliti l'qsami.



Dehra tal-qsami mir-ritratt tas-satellita.

t: +356 2292 6148 f: +356 2292 6161 e: arpa.mesdc@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

ARPA
AGRICULTURE AND
RURAL PAYMENTS AGENCY

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Luqa Road, Qormi QRM 9075, Malta

## Eżempju 3

## Dehra mir-ritratt tas-satellita qabel ma ġew stabbiliti l'qsami.



## Kif jidhru fuq il post wara li ġew stabbiliti l'qsami.



## Dehra tal-qsami mir-ritratt tas-satellita.

t: +356 2292 6148 f: +356 2292 6161 e: arpa.mesdc@gov.mt w: www.arpa.gov.mt



MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Luqa Road, Qormi QRM 9075, Malta

## Eżempju 4

**Fis-sena 2004 il-konfini tal-għalqa kif irreġistrati fl-LPIS jikkorrispondu mal-qsami li kien hemm fuq il-post.**




**Fis-sena 2013 il-konfini tal-għalqa kif irreġistrati fl-LPIS ma għadomx jikkorrisspondu mal-qsami li hemm fuq il-post.**




t: +356 2292 6148 f: +356 2292 6161 e: arpa.mesdc@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Luqa Road, Qormi QRM 9075, Malta

**Għaldaqstant il-bdiewa ikkonċernati għandhom jinnotifikaw lil Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, sabiex tiġi rranġata is-sitwazzjoni fl-LPIS.**

**t:** +356 2292 6148 **f:** +356 2292 6161 **e:** arpa.mesdc@gov.mt **w:** www.arpa.gov.mt